MALTA

# QORTI CIVILI PRIM AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 617/1997/1

George Camilleri maghruf bhala Yana Camilleri

Vs

L-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat fil-11 ta' Novembru 1997 li permezz tieghu r-rikorrent issottometta li huwa twieled fl-1969 u gie registrat fic-certifikat tat-twelid bl-isem ta' George Camilleri ta' sess maskili; illi minn ckunitu l-esponent kellu nklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll esternament; illi sabiex jehles mil-konflitti interni ghar-rigward tal-personalitajiet tieghu, l-esponent issottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala "gender reassignment" u b'hekk assuma s-sess feminili; illi benn konxju tal-fatt li llum, la darba l-istat civili tieghu ta' ragel ma jikkorrispondiex ghall-personalita' tieghu, effettivament, l-esponent talab lid-

Direttur tar-Registru Pubbliku korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid, izda din giet michuda; illi dan ir-rifjut flimkien mal-fatt li l-ligi maltija ma tipprovdiex ghall-ezigenzi tat-transesswali, tikkrea problemi kemm emmozjonali kif ukoll guridici ghall-esponent, li jammontaw ghall-vjolazzjoni tad-drittijet tieghu li ma jkunx assoggettat ghall-trattament degradanti u inuman, kif protett mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem u tad-dritt li jgawdi l-hajja privata tieghu protett mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; ghaldaqstant r-rikorrent talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li c-cahda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjoni mitluba fic-certifikat tat-twelid tieghu, flimkien mal-fatt li l-ligi Maltija ma tipprovdiex ghall-ezigenzi transesswali, jikkostitwixxi ksur ta’ l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni;
2. taghtih dawk ir-rimedji li jidhrilha xieraq ghat-twettiq ta’ dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna li fic-certifikat tat-twelid tieghu jigi mibdul is-sess ta’ l-esponent ghall-femminili u li ismu jigi rregistrat bhala Yana minflokk George.

Rat ir-risposta tal-intimati presentata fl-14 ta’Novembru 1997 li permezz taghha ssottomettew:-

1. illi l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju u dan minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 181B (2) tal-Kodici ta’Organizzazzjoni u Procedura Civili li jghid espressament li l-Avukat Generali ghandu jigi citat biss:-

*“f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”*

Dan mhux il-kaz fil-kawza odjerna fejn jista’ jirrispondi d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghar-rikors promotur.

2. illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti raguniet.

**L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.**

L-ebda wiehed minn dawn l-artikoli ma huwa applikabbli ghall-kaz odjern.
L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jghid:-
*Hadd m'ghandu jkun assoggettat ghall-piena u trattament inuman jew degradanti.*
Minn naha l-ohra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jghid: *No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment.*
Iz-zewg artikoli citati huma identici hlief li l-Kostituzzjoni ma tuzax il-kelma tortura. Dan ma jfissirx li l-Kostituzzjoni tammetti t-tortura ghaliex jekk ma tammettix trattament inuman jew degradanti multo magis ma tammettix it-tortura.
Il-Kummissjoni Ewropea fil-kaz li kellu x'jaqsam mal-Grecja qalet:-
*"The notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word "torture"is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuma treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before or drives him to act against his will or conscience."*
Fil-kaz "Tyrer", il-Qorti qalet:-
*"The suffering occasioned must attain a particular level before a punishment can be classified as inhuman within the meaning of article 3."*
P. van Dijk u G.J.H. van Hoof fil-ktieb taghhom "Theory and Practice of the Ewropean Convention on Human Rights" jikkumentaw hekk f'pagna 229 tal-ktieb:-
*"However, not every measure taken by a public authority that has emotional consequences of any kind for the individual falls within the scope of inhuman treatment but only such measures as '<u>inflict severe mental or physical suffering on an individual.</u>"*

U fil-footnote 78 fl-istess pagna jiccitaw l-Applikazzjoni 9554/81 “X vs Ireland” fejn jinghad *“Emotional stress arising from the expropriation of one’s home does not meet the requirements of Article 3.”*
Dawn l-artikoli diga gew ezaminati mill-Qrati taghna fil-kazi “L-Onor. Debono Grech vs Albert Mizzi et” u “Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija” (Vol LXXV.I.106)
Fid-dawl ta’ din il-gurisprudenza m’hemm xejn min-naha ta’l-intimati li huwa ta’ severita’ u estremita tali li jista’ jikkwalifika bhala trattament inuman u degradanti taht l-artikoli imsemmija.

**L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.**

L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jghid:-
1. Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.
2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democartic society in the interests of national security, public safety or the economical well-being of the country, for the prevetion of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of rights and freedoms of others.

3.1. L-ewwelnett il-Qorti Kostituzzjonali diga’ kellha c-cans tippronunzja ruhha fuq dan il-punt fil-kaz ta’ Lawrence sive Roxanne Cassar vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u ma sabet ebda ksur ta’ dan l-Artikolu.

3.2. Kienet saret referenza ghall-kaz deciz mill-Qorti Ewropea “B vs France” fejn il-Qorti kienet sabet vjolazzjoni mill-gvern Franciz izda f’dan il-kaz il-Qorti Ewropea ddistingwit bejn il-posizzjoni legali ta’ Franza u dik ta’l-Ingilterra. Fil-paragrafu 52 il-Qorti Ewropea qalet hekk:-
“*52. The applicant considered the rejection of her request for rectification of her birth certificate to be all the more culpable since France could not claim, as the United Kingdom had done, that there were any major obstacles linked to the system in force.*

*The court had found, in connection with the english civil status system, that the purpose of the registers was not to define the present identity of an individual but to record a historic fact, and their public character would make the protection of private life illusory if it were possible to make subsequet corrections or additions of this kind.”*

U fil-paragrafu 63:

*“63. The court thus reaches the conclusion, on the basis of the above mentioned factors which distinguish the present case from the Rees and Cossey cases ….”*

Din hija l-posizzjoni ezatta ta’ Malta fejn ir-registri ta’ l-istatu civili huma pubblici u fejn id-dokumenti jirregistraw **fatti storici** bhalma jsir fir-Renju Unit. Ghalhekk ghal kaz ta’ Malta – bhal fil-kaz tar-Renju Unit – ghadhom u ghandhom jghoddu d-decizzjonijiet moghtija mill-istess Qorti Ewropea fl-ismijiet “Rees vs United Kingdom” u “Cossey vs United Kingdom”.

3.3. Oltre dan ma kien hemm ebda att amministrattiv li b’xi mod indahal fil-hajja privata tar-rikorrent. Anzi thalla jaghmel dawk l-interventi kirurgici kollha li xtaq jaghmel.

3.4. Il-Qorti Ewropea harset sew lejn l-obbligi u l-interferenzi taht dan l-artikolu fil-kaz “Rees vs The United Kingdom”. Fil-paragrafu 35, il-Qorti qalet hekk:-
“**The Court has already held on a number of occasions that, although the essential object of Article 8 is to protect the individual against the arbitrary interference by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in an effective respect for private life, albeit subject to the State’s margin of appreciation.**

**In the present case it is the existence of such “positive” obligations which have to be determined. The mere refusal to alter the register of births or to issue birth certificates whose contents and nature**

**differ from those of the birth register *cannot be considered as interferences***"

3.5. Izda jekk din l-Qorti ssib xi interferenza din hija gustifikata ghaliex:
(i) hija skond il-ligi;
(ii) hija mehtiega f'socjeta' demokartika fl-interess tal-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ohrajn.

3.6. M'hemmx dubbju li dak li qed isir qed isir skond il-ligi ghaliex dan huwa kollu konformi mal-Kodici Civili.

Dwar it-tieni parti tal-paragrafu precedenti wiehed irid izomm quddiem ghajnejh id-drittijiet li ghandhom ohrajn f'socjeta' demokratika. Jekk wiehed ser jizzewweg u xi hadd jiftahlu ghajnejh li l-partner kien biddel is-sess, ghandu dritt dan li jmur ir-Registru Pubbliku u jiccekkja? Jew jispicca jizzewweg u wara jrid jitlob l-annullament taz-zwieg?

Il-Qorti Ewropea wkoll irriflettiet dwar dan u fis-sub-paragrafu (3) tal-paragrafu 387 qalet hekk:-

*"In determining whether or not a positive obbligation exists, regard must be had to the fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interests of the individual, the search for which balance is inherent in the whole of the Convention. In striking this balance the aims mentioned in the second paragraph of Article 8 may be of certain relevance."*

3.7. Fuq kollox it-transesswali qatt ma verament jibdel is-sess tieghu:-

*(i) "Furthermore, the change so recorded could not mean the acquisition of all the biological characteristics of the other sex."* (Rees vs U.K. par.42)
*(ii) Transsexuals neverthless kept their original chromosonal sex; only their appearance could be changed.* (B vs France paragraph 47)

3.8. **Effetti negattivi fuq id-drittijiet ta'ohrajn**.

Dwar dan ser inhalli lil wiehed mill-imhallfin tal-Qorti Ewropea (Pinheiro Farinha) jikellem:-
"*An illegitimate child wishes to start proceedings in respect of paternity, but after his birth the man who begot him has had a sex change operation and his civil status has been rectified; he is asking for a woman to be acknowledged as his father.*
*After rectification of civil status, a transsexual will be able to marry a person of his true sex (original sex); but the Court "finds ……that attachment to the traditional concept of marriage provides sufficient reason for the continued adoption of biological creteria for determining a person's sex for the purpose of marriage" and "in the court's opinion, the right to marry guaranteed by Art. 12 refers to the traditional marriage between persons of opposite biological sex."*

Ma' dawn nistghu inzidu ohrajn:
Ragel li jsir mara jiehu l-pensjoni qabel;
F'attivitajiet sportivi kompetittivi jista' jkollu vantagg;
Skond l-artikolu 115 (2) (b) tal-Kodici Civili jista' wkoll jadotta tfajla ghaliex issa sar mara
F'mizuri ta' positive discrimination favur nisa, jista' jibda jgawdi minnhom;
F'kaz li diga'mizzewweg jista' jhassar iz-zwieg.

L-intimati ghalhekk talbu li din il-Qorti tirrespingi t-talbiet kollha bhala ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar 1998 meta gew mahtura il-Psikjatra Dr. Peter Muscat, il-ginekologu Profs Mark Busuttil, u dawn bl-assistenza ta' Dr. Tonio Azzopardi.

Rat ir-rapport tal-Professur Mark Brincat mahluf fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2002, kif ukolll-ittra tieghu tat-28 ta' Dicembru 2000 lill-Perit Legali Dr. Azzopardi; rat ir-rapporttal-espert elgali Dr. Tonio Azzopardi mahluf fl-udjenza tal-24 ta' April 2002; rat finalment ir-rapport tal-espert psikjatra Dr.Peter Muscat mahluf fl-udjenza tat-8 ta'Mejju 2002.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2002 meta, fuq talba tal-partijiet, il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bil-fakolta’ lill-partijiet li jippresentaw noti ta’ osservazzjonijiet. Liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

**Dwar l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali.**

Qabel xejn ghandha tigi ezaminata l-eccezzjoni ta’l-Avukat Generali dwar il-presenza tieghu fil-kawza. L-Avukat Generali qed jsostni li huwa ma huwiex il-legittimu kontrdittur in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181(b)(2) tal-Kodici ta’Organizzazzjoni u Procedura Civili u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
L-artikolu citat jitkellem dwar r-rappresentanza tal-Gvern f’atti u f’citazzjonijiet li jikkoncernaw lilu billi jiddisponi li bhala regola generali huwa l-kap tad-dipartiment koncernat li ghandu dik ir-rappresentanza. Izda huwa provdut fl-istess artikolu li eccezzjonalment l-Avukat Generali jkollu r-rappresentanza tal-Gvern *“f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji <u>li minhabba n-natura tat-talba</u> ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”* F’dan ir-*rigward* l-Avukat Generali qed isostni li gia la darba huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku l-persuna koncernata mar-registrazzjonijiet tal-istat civili tac-cittadini l-azzjoni kellha tkun idirizzata lil din il-parti biss bhala l-persuna idonea li tipprovdi ossia tenforza rimdeju jekk ikun il-kaz ghall-ilment tar-rikorrent.

Il-kontro parti ma resqet ebda kumment dwar din l-eccezzjoni u jidher li f’diversi kawzi ohra ta’natura simili ghal dik sotto ezami, kien d-Direttur tar-Registru Pubbliku wahdu li gie citat. Izda fil-kaz ta’ Joseph Ellul determinat finalment b’sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta’ Novembru 2001, fejn l-istess Avukat Generali kien jifforma parte in kawza, l-ewwel Qorti Prima Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali fis-sentenza taghha tad-29 ta’

Jannar 1999 irriteniet li l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali li kienet identika ghal dik sotto ezami, ma kellhiex tigi akollta u dan qalet:-
"*L-intimat Avukat Generali kien ikollu ragun f'din l-eccezzjoni li kieku t-talba tar-rikorrent kienet ibbazata* biss *fuq il-fatt li d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrifjuta li jaghmel il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' l-istess rikorrent. Fil-kaz in dizamina, izda, it-talba jew ahjar talbiet tar-rikorrent huma bbazati* wkoll *fuq il-fatt li 'il-ligi Maltija ma tipprovdiex ghall-ezigenzi tat-transesswali', u fir-rigward tal-ligi ta' Malta b'mod generali, cioe dak li komunement jissejjah il-***corpus juris** *ta' pajjiz, m'ghandux iwiegeb id-Direttur tar-Registru Pubbliku (li jamministra parti zghira hafna mil-ligi Maltija) izda ghandu jwiegeb l-Avukat Generali in rappresentanza tal-Gvern. Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari qed tigi respinta."*

Fil-kaz in ezami s-sitwazzjoni hija identika billi insibu fir-rikors promotur li r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li "*l-ligi maltija ma tipprovdiex ghall-ezigenzi transesswali"* u li dan in-nuqqas jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Din il-Qorti taqbel kompletament mal-konsiderazzjonijiet u decizzjoni tal-Qorti Prim Awla fil-kaz ta' Joseph Ellul u ghalhekk filwaqt li taghmilhom taghha tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali.

**Il-mertu.**

Dan huwa kaz ta' persuna li twildet bl-organi genitali tas-sess maskili u li konsegwentement giet indikata fic-certifikat tat-twelid bhala ragel, izda gara li matul hajjitha din il-persuna dejjem hasset konflitt bejn l-indikazzjoni ufficjali kif kien jirrizulta fic-certifikat tat-twelid u l-attitudini taghha. Fi ftit kliem din il-persuna kienet psikologikament tabbraccja u tidentifika ruhha mas-sess feminili li wassalha li sahansitra tissottometti ruhha ghall-intervent kirurgiku maghruf bhala "*gender re-assignment"* li ghamel mod li l-organi genitali taghha issa gew jixbhu dawk ta' persuna ta' sess feminili.

Qabel ma tista' tigi kunsidrata fl-aspetti legali t-talba tar-rikorrent, huwa illum pacifiku fil-gurisprudenza nostrana kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, li jridu jigu sodisfatti zewg rekwiziti, u cioe:-

(a) **Il-genwinita' tar-rikorrent.**

Fis-sentenza tal-14 ta'Lulju 1995 fil-kaz ta' Lawrence sive Roxanne Cassar il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk: *"Intant, l-ewwel preokkupazzjoni li tintwera fil-kazijiet imsemmija tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hija dik li preferibbilment ghandha tissejjah il-**genwinita'** tal-kaz tar-rikorrent. Dan il-fattur jikkomprendi l-htiega illi l-persuna rikorrent ma tkun ghamlet xejn li ma tkunx dettata min-necessita' naturali u skond il-metodi u mezzi xjentifici accettati u provveduti fil-post fejn hija tkun domiciljata jew fejn hija tgawdi nazzjonalita'."*

Il-kaz fuq imsemmi huwa identiku ghall-kaz odjern billi kien ukoll jirrigwarda transesswali li, wara intervent kirugiku maghruf bhala "*gender re-assignment*", ir-rikorrenti, f'dawk il-proceduri, minn sess maskili ha s-sembjanza ta' persuna ta' sessfeminili. F'dawk il-proceduri l-Qorti Kostituzzjonali strahet fuq l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fir-rigward tal-aspett tal-genwinita' tal-kaz fejn l-istess Qorti kienet qalet hakk: "*ghalhekk ir-rikorrenti ppruvat b'mod soddisfacjenti t-tezi taghha li sakemm hija tibqa registrata bhala ragel kienet qieghda tiltaqa' ma' diffikultajiet tali illi certament jistghu jigu definiti bhala krudili u anke umiljanti."*

Fil-kaz presenti minn ezami tax-xhieda tar-rikorrenti u ta'ommha, kif ukoll dak li hemm fir-rapport tal-espert psikjatra, jidher car li r-rikorrenti ssoddisfat r-rekwizt tal-genwinita' u li d-decizjoni taghha li tissottometti ruhha ghall-intervent kirugiku fuq imsemmi ma kienetx rizultat ta' xi intenzjoni frivola jew ghal xi interess ta' lucru, izda pjuttost kienet dettata mill-kundizzjoni taghha maghrufa bhala "*Gender Identity Disorder"* li ghamlita impellenti li tissottometti ruhha ghall-intervent imsemmi sabiex takkwista l-identita' taghha proprja.

(b) **Bidla rriversibbli**

Ir-rekwizit l-iehor li jrid jigi sodisfatt huwa li l-intervent kirurgiku ghandu jkun tali li s-sitwazzjoni gdida tar-rikorrent tkun irreversibbli u cioe li l-persuna involuta ma tkunx tista' terga tassumi s-sess originali taghha. Dan ghal raguni ovvja billi r-rikorrent ma jkunx jista' jigieb il-quddiem azzjoni bazata fuq ksur tad-drittijiet fondamentali kif formulata fir-rikors promotur, kemm-il darba l-kondizzjoni tkun tista' terga lura billi l-ilment dwar l-indhil fil-hajja privata bil-konsegwenzi kollha relatati tkun tista' tigi rimedjata u f'kaz ta' *'reversal'* ma jkunx ghad hemm il-htiega ta' rimedju billi l-parti tkun reget irrivertiet ghas-sess indikat fic-certifikat tat-twelid bl-effett li dawk l-ilmenti kollha relatati mat-transesswalita' tieghu ma jibqawx jezistu.

Dan ir-rekwizit jidher soddisfatt b'dak li jinghad fl-ittra tal-espert Ginekologiku Profs Brincat tat-28 ta' Dicembru 2000 fejn jikkonferma li "**the surgery carried out on Ms Yana Camilleri for gender reassignment is irriversible and from the phenotype point of view she is as I commented in my original certificate phenotypically female.**"

**Il-posizzjoni legali.**

Dan premess issa jrid jigi ezaminat jekk l-ilmenti mressqa mir-rikorrent jwasslux ghall-lezjoni ta' xi dritt fondamentali imsemmi fir-rikors promotur u f'kaz affermattiv, x'rimedju ghandu jinghata sabiex din il-lezjoni tigi mwarrba.

F'dawn il-proceduri, apparti l-esperti medici biex jezaminaw l-aspetti psikologici u dawk ginekologi tal-kaz, kien ukoll gie mahtur espert legali fil-persuna ta' Dr. Tonio Azzopardi biex jirrelata fuq l-aspett legali tenut kont tal-gurisprudenza recenti tal-Qorti Ewropea u tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta in materja. Dan il-perit ppresenta r-rapport tieghu f'Jannar 2001 u minhabba konsiderazzjonijiet finanzjarji tar-rikorrent, dan ir-rapport gie mahluf fl-udjenza tal-24 ta' April 2002. Minn ezami tar-rapport jidher bic-car li l-espert legali ghamel studju profond u dettaljat tal-izviluppi fil-gurisprudenza in materja

b'rassenja ta' diversi sentenzi lokali u esteri. Minn dan l-istudju jidher li s-siwtazzjoni tat-transesswali, b'referenza ghall-protezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni ta' Malta u dik moghtija mill-Konvenzjoni Ewropea, ghaddiet u fil-fatt ghadha ghaddejja minn process ta' trasformazzjoni minhabba l-aspett kumplikat ta' natura mediko legali kif ukoll l-inkonsistenzi legali tad-diversi legizlazzjonijiet tal-Istati li jabbraccaw u jghamlu taghhom l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan ir-rapport jimmerita kunsiderazzjoni serja u l-konkluzzjonijiet tieghu jimmeritaw konferma billi huma konsonanti mal-principji inerenti tal-Konvenzjoni Ewropea. Haga li forsi jista' jinghad dwar dan ir-rapport hu li kien ftit prematur billi, kif ser jirrizulta, wara l-presentat tieghu kien hemm zviluppi ta' importanza kbira fil-gurisprudenza lokali in materja li, fil-fehma ta' din il-Qorti, u anke donnu fil-fehma tal-intimati, jsolvu darba ghal dejjem kwistjonijiet naxxenti mis-sitwazzjoni ta' transesswali u jindikaw direzzjoni lill-legislatur fejn jistghu jittiehdu provvedimenti legislattivi biex jigu evitati fil-futur proceduri inutili. Qed issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta tad-9 ta' Ottubru 2001 fil-kaz ta' Raymond Gilford maghruf bhala Rachel Gilford u f'dan il-kaz issir referenza partikolari ghas-sentenza tal-Prim Istanza fejn il-Qorti b'mod erudit u logiku waslet ghall-konkluzzjoni li hemm ksur tal-artikolu 8 u pprovdiet rimedju. Issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-istess Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta' Novembru 2001 fil-kaz ta' Joseph Ellul maghruf bhala Tracy Ellul li imxiet fuq it-taghlim tas-sentenza precedenti fil-kaz ta' Gilford u tat l-istess rimedju.

Ghal kuntrarju fir-rigward tal-ilment bazat fuq l-aspett ta' Inhuman and degrading treatment insibu li kemm is-sentenzi tal-Qorti Ewropea kif ukoll dawk tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta hemm hsieb univoko fil-pronunzjamenti taghhom dwar l-aspett tal-kwistjoni bazat fuq ksur ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jew l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi f'dan ir-rigward dejjem gie ritenut li l-fattispecie tal-kazi, li ghandu jinghad huma kollha simili jekk mhux sahansitra identici, inluz il-kaz sotto ezami, ma jaghtux lok ghal dikjarazzjoni li l-aspetti fattwali tal-kawzi jistghu jinkwadraw taht il-kuncett

ta' trattament *inuman jew degradanti* u f'dan ir-rigward l-ilmenti dejjem gew michuda. Din il-Qorti tikkondividi dan l-aspett tal-kwistjoni u ghalhekk tiddikjara li l-ilment tar-rikorrent bazat fuq l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu analogu tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhux gustifikat.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri r-rikorrent mhux qed jillimita ruhhu biss fuq l-aspett ta' inhuman and degrading treatment izda qed jilmenta ukoll li n-nuqqas tal-istat li jipprovdi *ghall-ezigenzi tat-transesswali* jippekka kontra d-dritt fondamentali tieghu ghall-hajja privata a tenur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan l-Artikolu jghid hekk:
*1. Everyone has the right for his private and family life, his home and his correspondence.*
*2. There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others."*

Il-Qorti Ewropea u l-Assemblea Legislattiva offrew interpretazzjoni tad-diversi aspetti ta' dan l-artikolu inkluzi d-drittijiet u l-obbligi li johorgu. Ta' relevanza ghall-kaz in ezami il-Qorti Ewropea fil-kaz "X and Y vs Netherlands" irriteniet li:

"*Article 8 does not merely compel the State to abstain from …interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be <u>positive obligations</u> inherent in an effective respect for private and family life …..These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves."*

Dan il-hsieb tal-Qorti Ewropea gie riportat fil-pubblikazzjoni ta' Harris Boyle and Warrick – Law of the

European Convention on Human Rights, 1995, fejn jinghad li “*The positive obbligations inherent in Article 8(1) include both those requiring the State to take steps to provide rights or privileges for individuals and those which require it to protect persons against those activities of other private individuals which prevent the effective enjoyment of these rights.”*

Ir-rikorrent qed isostni li fis-sistema guridika lokali ma hemmx mod kif is-sitwazzjoni tieghu ta’ persuna li bidlet is-sess taghha tigi rikonoxxuta mill-istat b’mod li ma jibqax assoggetta ghall-umiljazzjonijiet u inkonvenjenzi li jemanu mill-fatt li fisikament huwa ghandu aspett ta’ mara filwaqt li c-certifikat tat-twelid tieghu, liema certifika jifforma l-bazi ghall-hrug ta’ kull dokument iehor rikjest mill-istat bhal per ezempju, il-passaport u l-Karta tal-Identita’, jindika differenti. Fil-fatt it-talba tieghu ghall-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid maghmula a termini ta’ l-Artikolu 253 et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, giet michuda. Dan li stat ta’ fatt qed johloq stat ta’ anzjeta fir-rikorrentu u sahansitra jikkrealu zvantaggi li anke jimmanifestaw ruhhom f’telf ta’ impieg billi “employers” irrifjutawh minhabba l-“*anomalija*” li tirrizulta kif inghad fuq. Dan l-ilment ghalhekk jidher gustifikat u ghandu jinghata rimedju billi ukoll ir-rikorrent jsib konfort fid-definizzjoni tad-dritt ghar-“respect for privacy” moghtija fir-Rizoluzzjoni 428 (1970) tal-Assemblea Konsultattiva Paralmentari tal-Kunsill tal-Ewropa:-
*“The right to privacy consists essentially in the right to live one’s life with a minimum of interference. It concerns private, family and home life, physical and moral integrity, honour and reputation, avoidance of being placed in a false light, non relevance of irrelevant and embarrising facts, unauthorised publication of private photographs, protection from disclosure of information given or received by the individual confidentially.”*

Ikkunsidrat:-

L-aspett tal-ilment tar-rikorrent li huwa intrinsikament wiehed personali jrid jsib konfort fill-kuncett generali ta’ bilanc bejn l-interessi tal-individwu u dawk tas-socjeta’.

"*What the state has to do….is to have regard 'to the fair balance that has to be struck between the general interests of the community and the interests of the individual, the search for which balance is inherent in the whole convention"* (Crossey vs U.K.).

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "Cassar vs Onor Prim Ministru" osservat li "*ghal din il-Qorti din* (u cioe l-bilanc bejn l-interess pubbliku u dak privat) *hija verament l-unika diffikulta' fil-kwistjoni kollha, ghaliex altrimenti, kieku mhux ghal dan l-"interess" komunitarju, l-istat ma kienx ikun b'ebda mod intitolat li jindahal fi kwistjoni bhal din. Il-kontrolli statali, li dejjem qeghdin izidu imposizzjonijiet ghall-'identifikazzjoni' tac-cittadin…inevitabbilment dejjem qeghdin icekknu l-arja tal-'privat' tal-individwu. Dawn huma kollha bazati fuq il-klassifika dualistika ta' lezistenza umana bazata fuq is-sess – maskili/femminili. Hija din ir-realta' li tohloq certi problemi meta l-istess realta' tinbidel u tispicca dik l-istaticita' li hija prezunta fil-maggoranza kbira tac-cittadini 'debitament skedati'*"

Kien ghalhekk li l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1995 ghalkemm sabet li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet fondamentali, sorprendentement pprovdiet rimedju billi ordnat li ssir annotazzjoni fuq c-certifikat, a tergo tal-istess, fis-sens li minhabba intervent kirurgiku r-rikorrent kien akkwista sess femminili, u ghalhekk hija maghrufa bhala Rosanne Cassar. Din il-konkluzzjoni ossia provvediment l-istess Qorti waslet ghalih wara li ppremettiet "*Il-konkluzjoni li se ssegwi tipprova tasal ghal dak il-bilanc bejn l-interessi diversi imsemmija, kif sal lum jistghu jigu konkordati, biex kemm jista' jkun, il-vot ta' dan l-artikolu (*Art. 8 tal-Konvenzjoni*) jigi implimentat billi jigi akkordat kull rispett ghad-drittijiet tal-individwu kompatibilment mar-rispett ghad-drittijiet tal-membri l-ohra tal-komunita' li fiha huwa jghix."*

Din is-sentenza giet kkritikata f'sentenzi sussegwenti billi gie ritenut li gia la darba ma kienetx tezisti lezjoni ta' dritt fondamentali l-Qorti Kostituzzjonali kien messha waqfet hemm u ma pprovdiet l-ebda rimedju. Biss din il-Qorti tirraviza fis-sentenza ta' Cassar xewqa genwina tal-Qrati

nostrani, kif anke jidher l-kaz fil-Qorti Ewropea, li l-kwistjoni tigi indirizzata b'mod li tinstab soluzzjoni ghas-sitwazzjoni difficli u anke imbarazzanti ta' persuni li, minghajr ebda htija taghhom jinsabu fis-stat ta' perplessita' f'dik li hija l-immagini taghhom fis-socjeta' u li, tramite l-uzu ta' mezzi moderni offruti fil-kamp mediku, jiddefinixxu darba ghal dejjem u b'mod irriversibbli li stat sesswali taghhom.

Infatti llum il-Qorti Kostituzzjonali hadet linja cara b'rimedji adegwati ghal dawk il-kazijiet simili meta jirrizulta li l-kaz jkun genwin u s-sitwazzjoni tkun saret irriversibbli. Dan insibuh fis-sentenza ta' Gilford fejn il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat in toto l-konsiderazzjonijiet u decizzjonijiet tal-Qorti Prim Awla, hlief li alterat xi ftit ir-rimedju offrut. L-insenjament fil-kaz ta' Gilford gie abbraccat mill-Qorti Kostituzzjonali diversament preseduta fil-kaz ta' Joseph Ellul b'sentenza tat-2 ta' Novembru 2001, ghalkemm ghandu jinghad li l-President tal-Qorti li kien qed jippresjedi f'dan l-appell kien l-istess imhallef li ddecida l-kaz ta' Gilford in Prim Istanza. Illum ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn terga tidhol fil-konsiderazzjonijiet kollha li gja gew decizi precedentement mill-ghola Qorti tal-pajjiz billi ukoll taqbel mal-konkluzzjonijiet tal-istess Qorti u ghalhekk taghmilhom taghha.

Fl-ahharnett ghar-rigward tad-diversi sitwazzjoni problematici li jissemmew mill-intimati fl-ahhar paragrafu tar-risposta taghhom u li huma intizi sabiex juru d-diffikultajiet li jistghu jinqalaw kemm'l darba l-Qorti ssib li kien hemm lezjoni ta' xi dritt fondamentali u b'hekk takkorda rimedju, jigi rilevat li f'dan l-istadju din il-Qorti hija limitata ghall-konsiderazzjonijiet li johorgu mir-rikors promotur u ma tistax tindirizza kwistjonijiet ohra ta' natura konsegwenzjali.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tipprovdi minn din vertenza billi:-

1. tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali li hu mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza;

2. tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament billi tiddikjara li bil-fatt li l-ligi Maltija ma' tipprovdix ghall-

ezigenzi tat-transesswali hemm vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghar-rispett tal-hajja privata tieghu kif sancit bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; u tichad l-istess talba nkwantu ma jirrizultax ksur tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3. tipprovdi dwar it-tieni talba tar-rikorrent billi tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li fl-att tat-twelid tar-rikorrent li jgieb in-numru 3877/69 fil-kolonna "Jekk tifel jew tifla" – "Sex" il-kelma "Boy" tigi sostitwita bil-kelma "Girl" u fil-kolonna "Ismijiet moghtijin" – "names given" l-isem "George" jigi sostitwit bl-isem "Yana" u tordna lill-istess Direttur tar-Registru Pubbliku li ssir l-annotazzjoni mehtiega biex jigi registrat li dan it-tibdil sar in forza ta' sentenza.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mill-Avukat Generali billi l-lezjoni rizultanti tirrifletti fuq in-nuqqas tal-Gvern li huwa jirrapresenta.

Onor Imhallef Albert J. Magri